*l-valutazzjoni li trid issir sabiex jiġi stabbilit jekk persuna ngħatatx smigħ xieraq, tinvolvi eżami tat-totalità tal-proċeduri li tmexxew, u mhux mument jew istanza partikolari minnhom – fil-każ odjern għandu jirriżulta li r-rikorrent instab ħati ta' diversi reati mhux konnessi li seħħew fi żminijiet differenti. Ma jistax jingħad li s-sejbien ta' reċediva fil-konfront ta' kull wieħed minn dawn ir-reati jilledi l-prinċipju tan-*ne bis in idem *bi ksur tal-jedd tiegħu għal smigħ xieraq kif protett taħt l-artikolu 39(9) tal-Kostituzzjoni ta' Malta – l-effetti tar-reċidiva mhuwiex li l-istess persuna qed tiġi punita darbtejn fuq xi reat anteċedenti li fuqu tkun ġià ġiet mogħtija piena, iżda li fil-fatt dik l-istess persuna qed tiġi punita għal fatt ġdid b'mod aktar sever u differenti minn persuna li tkun qed tiġi punita għall-istess fatt iżda għall-ewwel darba u bla preċedenti.*

MALTA

# QORTI ĊIVILI
# PRIM'AWLA
## (Sede Kostituzzjonali)

**ONOR. IMĦALLEF**
**LAWRENCE MINTOFF**

Seduta tal-24 ta' Jannar, 2024

Rikors Kostituzzjonali Numru 181/2023 LM

**Glen Debattista (K.I. nru. 565359M)**

***vs.***

**L-Avukat tal-Istat u l-Avukat Ġenerali**

**Il-Qorti,**

1. Rat ir-Rikors imressaq fl-4 ta' April, 2023, mir-rikorrent **Glen Debattista (K.I. nru. 565359M)** [minn issa 'l quddiem 'ir-rikorrenti'], fejn issottometta dan li ġej:

*"Illi l-esponent kien tressaq il-Qorti u ġie akkużat b'numru ta' reati ta' frodi u reati simili.*

*Illi l-esponent kien ġie akkużat talli fl-2003 u fl-2005 ikkommetta frodi u falsifikazzjoni ta' dokumenti. Permezz ta' sentenza mogħtija fil-konfront tiegħu mill-Qorti tal-Appell Kriminali fit-30 ta' Marzu, 2022 (Appell numru 386/13) ġiet ikkonfermata s-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali u ħames snin priġunerija. F'dawn il-proċeduri l-esponent ma kienx assistit minn avukat waqt l-investigazzjoni u konsegwentement irrilaxxja stqarrija fejn ammetta l-involviment tiegħu fin-nuqqas tal-avukat ta' fiduċja tiegħu.*

*Illi f'dawn il-proċeduri l-esponent ma kienx akkużat bir-reċidiva però l-Qorti l-Appell Kriminali kienet ikkummentat illi l-appellant kien frodist reċediv plurimu u erogat piena konsegwenzjali.*

*Illi fl-istess ġurnata ingħatat sentenza oħra, u ċioe appell numru 330/14 ukoll mill-Qorti tal-Appell Kriminali. Din kienet tikkonċerna akkużi ta' serq u ħsara volontarja kommessi fl-2011. Il-Qorti kienet mitluba tittratta mal-esponent bħala reċediv ta' diversi sentenzi ai termini tal-artikolu 49 tal-Kap. 9. Huwa kien ammetta, ġie misjub ħati tal-akkużi kollha, inkluż ir-reċediva, u l-Qorti tal-Appell Kriminali imponiet piena ta' priġunerija ta' sitt snin effettivi.*

*Illi b'sentenza oħra tat-30 ta' Marzu, 2022 mogħtija wkoll mill-Qorti tal-Appelli Kriminali (Appell nru. 518/15) u liema proċeduri kienu jittrattaw akkużi simili, l-esponent kien reġa' ġie misjub ħati ta' reċediva taħt l-artikoli 49 u 50 tal-Kap. 9 u kkundannat piena ta' priġunerija ta' tliet snin ġiet ikkonfermata mill-Qorti tal-Appelli Kriminali.*

*Illi dakinhar stess u ċioe fit-30 ta' Marzu, 2022 ingħatat sentenza oħra minn dik l-istess Qorti tal-Appelli Kriminali u ċioe dik li tikkonċerna appell numru 1/17. Din kienet tittratta serq aggravat u reċediva ai termini tal-artikoli 49, 50 u 289 tal-Kap. 9. Dik il-Qorti kkonfermat fejn l-esponent instab ħati tal-akkuża ta' serq sempliċi u tar-reċediva u kkundannatu għal perijodu ta' priġunerija ta' tliet xhur.*

*Illi ta' min jenfasizza illi f'dawn il-proċeduri ġiet esebita l-fedina penali tal-esponent salv għall-proċeduri 1/17 hawn fuq imsemmija fejn ġew esebiti tliet sentenzi, waħda tal-2005, waħda tal-2006 u waħda tal-2007.*

*Illi għalhekk jirriżulta illi l-esponent instab ħati tar-reċediva għal diversi drabi u dan fuq a bażi tal-istess sentenzi li kienu ngħataw fil-konfront tal-esponent.*

*Illi fis-sentenza* ***Fl-atti tar-Riferenza tad-19 ta' Mejju, 2008, mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali (Maġistrat Dr Giovanni Grixti LL.M, LL.D) fl-Atti tal-Kawża fl-ismijiet: Il-Pulizija vs Nicolai (Nicolai-Christian) Magrin*** *(fn. 1 Deċiża fis-26 ta' Marzu, 2009 (Referenza Kostituzzjonali Numru 29/2008) insibu hekk:*

> *"*Illi meta wieħed jitkellem dwar eċċezzjoni tan-*ne bis in idem* fil-qasam tad-dritt penali taħt l-ordinament ġuridiku tagħna, wieħed iqis li jeħtieġ jintwera li l-persuna li tkun tqiegħdet taħt akkuża oħra trid tkun l-istess waħda li kienet tqiegħdet taħt l-ewwel proċedura u wkoll li tkun hekk tressqet dwar l-istess fatt. Kif ingħad, "Bl-espressjoni 'l-istess fatt' wieħed għandu jifhem il-fatt fiżikament rigwardat, konsistenti għalhekk kemm fl-element materjali – att ta' kommissjoni jew ommissjoni – kif ukoll dak formali tiegħu. Mhux biżżejjed li l-fatt ikun jirrigwarda l-istess oġġett; hekk, per eżempju, min f'okkażjoni partikolari jagħmel ħsara volontarja fuq proprjetà ta' ħaddieħor u f'okkażjoni oħra jerġa' jagħmel l-istess tip ta' ħsara fuq l-istess proprjetà ma jista' bl-ebda mod jeċċepixxi r-res judicata";
>
> 19. Madanakollu, għall-finijiet ta' stħarriġ ta' ksur ta' jedd fundamentali – kif ingħad aktar qabel – tajjeb li wieħed iżomm quddiem għajnejh li, filwaqt li l-artikolu 527 tal-Kodiċi Kriminali jitkellem dwar "l-istess fatt", l-artikolu 39(9) tal-Kostituzzjoni jitkellem dwar "(l-istess) reat";
>
> Illi fil-qasam tad-dritt penali jidher li huwa prinċipju aċċettat li, bi tħaddim tar-regola tan-*ne bis in idem, "The criminal action is extinguished ... when there has been one act on the part of the accused and he has already been convicted (or acquitted) of an offence founded on such act, and afterwards, he is again brought up for judgment on a different charge, but founded on the same act;"*
>
> Illi din il-Qorti tifhem li jekk kemm-il darba t-tifsira mogħtija lill-artikolu 527 tal-Kodiċi Kriminali hija b'mod tali li żżomm milli persuna terġa' titressaq mixlija dwar fatt li dwaru kienet diġà tressqet taħt proċedura li ntemmet b'sentenza li saret ġudikat, wieħed jistenna li t-tħaddim tar-regola miġjuba fl-artikolu 39(9) tal-Kostituzzjoni għandu jkun jgħodd iżjed biex iħares dak il-jedd. Fi kliem ieħor, il-garanziji kostituzzjonali ma jistgħux ikunu applikati b'xeħħa jew b'anqas qawwa meta mqabblin mal-garanziji li tagħti l-*"*liġi ordinarja" kif tinsab fil-Kodiċi Kriminali;"

*Illi ma jistax jingħad illi r-reċediva hija sempliċiment ċirkostanza jew aggravju li trendi l-akkużi l-oħra aktar onerużi però hija akkuża* per se*.*

*Illi ssir referenza għas-sentenza* ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Darren Debono*** *(fn. 2 Deċiża mill-Qorti Kriminali fit-22 ta' Novembru, 2022 (Att ta' Akkuża numru 17/2017) fejn il-Qorti, wara li eżaminat il-ġurisprudenza dwar ir-reċidiva, tenniet is-segwenti:*

> "Illi l-**akkuża tar-reċediva hija akkuża *per se*, separata u distinta minn kwalunkwe akkuża jew akkużi oħra.** Għalhekk sabiex il-Qorti ssib ħtija tal-akkuża tar-reċediva jeħtieġ li l-prosekuzzjoni tressaq provi dwar dan u dan peress li hemm ċerti kundizzjonijiet u elementi li jridu jiġu sodisfatti u pruvati mill-

Prosekuzzjoni. Fil-fatt wieħed jista' jiġi liberat minn akkuża ta' reċediva." (enfasi miżjud)

*Illi hekk ukoll fis-sentenza **Il-Pulizija (Spettur Josric Mifsud) vs Rita Zammit** (fn. 3 Deċiża mill-Qorti tal-Appelli Kriminali fil-21 ta' Mejju, 2019 (Appell Nru: 477/2017) insibu hekk:*

"Fil-fatt **ir-reċediva hija akkuża u reat *per se*** li trid tiġi provata indipendentement minn kull reat ieħor, huwa reat separat u distint minn kwalunkwe akkuża jew akkużi oħra taħt l-artikoli 49 u 50 tal-Kodiċi Kriminali jirrikjedu ċerti kundizzjonijiet u elementi li jridu jiġu sodisfatti u fuq kollox, ipprovati mill-Prosekuzzjoni, tant li wieħed jista' jiġi liberat minn akkuża ta' reċediva." *(enfasi miżjud)*

*Illi għalhekk ladarba r-reċediva hija akkuża taqa' taħt ir-regoli tan-*ne bis in idem *u allura wieħed ma jistax jiġi misjub ħati tagħha iktar minn darba dment illi din hija bbażata fuq l-istess sentenzi u mhux sentenzi ġodda li ma kinux ikkonsidrati qabel ai fini ta' reċidività.*

*Għaldaqstant l-esponent jitlob umilment li din l-Onorabbli Qorti jogħġobha:*

*(i) Tiddikjara illi l-fatt illi fl-investigazzjonijiet li wasslu għall-proċeduri deċiżi quddiem il-Qorti tal-Appelli Kriminali fit-30 ta' Marzu, 2022 (Appell numru 386/13) l-esponent ma kienx assistit minn avukat waqt l-investigazzjoni u konsegwentement irrilaxxja stqarrija fejn ammetta l-involviment tiegħu fin-nuqqas tal-avukat ta' fiduċja tiegħu, dan jilledi d-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti għal smigħ xieraq kif sanċiti fl-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem;*

*(ii) Konsegwentement tagħmel dawk l-ordnijiet, toħroġ dawk l-atti u tagħti dawk id-direttivi li tqis xierqa, sabiex twettaq, jew tiżgura t-twettiq tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrent, inkluż illi tħassar, tirrevoka u tikkanċella s-sentenza tal-Qorti tal-Appelli Kriminali fit-30 ta' Marzu, 2022 (Appell numru 386/13) u tordna illi jinstema' l-każ mill-ġdid wara li tordna l-isfilz tal-istqarrija;*

*(iii) Tiddikjara illi l-fatt illi fis-sentenzi hawn fuq imsemmija kontra l-esponent hawn instab ħati aktar minn darba li huwa reċediv u dan dejjem a bażi tal-istess sentenzi preċedenti, dan jilledi d-dritt fundamentali tiegħu għal smigħ xieraq kif sanċiti fl-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem;*

*(iv) Tagħmel dawk l-ordnijiet, toħroġ dawk l-atti u tagħti dawk id-direttivi li tqis xierqa, jew tiżgura t-twettiq tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrent, inkluż illi tirriforma l-pieni inflitti f'dawn is-sentenzi hawn fuq imsemmija fis-sens illi tnaqqas dik il-parti tal-piena inflitta f'kull sentenza li hija abbinata mal-akkuża*

*tar-reċediva jew occorrendo, billi tirrimandi l-atti lura lill-Ewwel Qorti biex tirriforma l-piena inflitta.*

*Bl-ispejjeż."*

2. Rat ir-risposta tal-intimati **Avukat tal-Istat** u tal-**Avukat Ġenerali** [minn issa 'l quddiem 'l-intimati'], li ġiet ippreżentata fil-11 ta' Mejju, 2023, fejn ingħad kif ġej:

*"1. Illi preliminarjament, l-esponent Avukat Ġenerali teċċepixxi illi hija mhijiex il-leġittimu kontradittur għall-pretensjonijiet u t-talbiet tar-rikorrent u għalhekk għandha tiġi liberata mill-osservanza tal-ġudizzju;*

*2. Illi preliminarjament u bla ħsara għas-suespost, jirriżulta li r-rikorrent ma għamilx użu mir-rimedji ordinarji mogħtija lilu. Għalhekk din l-Onorabbli Qorti għandha, fi kwalunkwe każ, għandha tiddeklina milli tistħarreġ ulterjorment l-ilmenti tar-rikorrent a tenur tal-proviso tal-artikolu 46(2) tal-Kostituzzjoni ta' Malta u tal-proviso tal-artikolu 4(2) tal-Kapitolu 319 tal-Liġijiet ta' Malta;*

*3. Illi bla ħsara għas-suespost, l-allegazzjonijiet, il-pretensjonijiet u t-talbiet tar-rikorrent huma infondati fil-fatt u fid-dritt u għandhom jiġu miċħuda;*

*4. Illi bla ħsara għas-suespost, l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u Libertajiet Fundamentali u l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta jipprovdu għad-dritt għal smigħ xieraq u mhux id-dritt li tkun assistit minn Avukat qabel ir-rilaxx tal-istqarrija jew, matul l-investigazzjoni u matul ir-rilaxx tal-istqarrija. Għaldaqstant ma hemmx ksur tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar il-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u l-Libertajiet Fundamentali u tal-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta;*

*5. Illi bla ħsara għas-suespost, il-Qorti Kostituzzjonali f'diversi sentenzi għamlitha ċara li stqarrijiet rilaxxati mingħajr ma ngħata d-dritt li jitkellem mal-Avukat qabel l-istqarrija kif ukoll ir-rilaxx ta' stqarrija mingħajr il-preżenza ta' Avukat, ma jikkostitwixxux* ***ipso facto*** *leżjoni tad-dritt għal smigħ xieraq. L-istqarrija ma tistax tiġi kkunsidrata f'iżolament, mingħajr ma jittieħed qies tal-bqija tal-evidenza u proċeduri. Marbut ma' dan, id-****dritt għal smigħ xieraq għandu jiġi kkunsidrat billi jittieħed qies it-totalità tal-proċeduri fl-intier tagħhom u mhux mument partikolari jew episodju waħdieni u iżolat****. Sabiex wieħed jiddetermina jekk hemmx leżjoni tad-dritt għal smigħ xieraq, wieħed għandu jikkunsidra l-proċeduri fit-totalità tagħhom, flimkien mal-kondotta tal-Qorti, u kif l-interessi tal-persuna mixlija kienu protetti mill-Qorti, inkluż is-salvagwardji proċedurali tad-dritt għal smigħ xieraq. Wieħed ma jistax jistrieħ fuq parti waħda biss mill-proċeduri jew fil-każ odjern parti mill-istadju tal-*pre-trial *biex jiddetermina jekk kienx hemm*

*leżjoni tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem u Libertajiet Fondamentali u l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta;*

6. *Illi bla ħsara għas-suespost, in kwantu l-ilment li qiegħed iressaq ir-rikorrent fil-proċeduri odjerni dwar l-istqarriji rilaxxati minnu, il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali fil-kawża fl-ismijiet '<u>Il-Pulizija (Spettur Angelo Gafà) vs Glen Debattista</u>' (fn. 1 Deċiża fil-11 ta' Settembru, 2013 (Kumpilazzjoni numru: 24/2009) fil-kunsiderazzjonijiet tagħha għamlitha ċara li:*

"Illi għandu jingħad li fl-istqarrijiet minnu rilaxxati, meta kien qed jiġi interrogat, l-imputat ammetta dawn il-fatti kollha. Dawn l-istqarrijiet ittieħdu fis-sena 2009 meta kienu għadhom ma daħlux fis-seħħ l-emendi dwar id-dritt ta' konsultazzjoni ma' avukat qabel ir-rilaxx ta' stqarrija.

Illi però l-imputat fil-kors ta' dawn il-proċeduri ammetta li l-firem li jidhru fid-dokumenti kollha esebiti huma tiegħu u dan huwa għamlu mhux biss wara li kellu l-opportunità li jikkonsulta mal-avukat tiegħu imma addirittura fil-preżenza tal-istess konsulent legali tiegħu, wara li l-proċeduri odjerni kienu diġà avvjati sew. (fn. 2 Ara verbal a fol. 159 (Din ir-referenza tinstab fit-tieni (2) footnote tas-sentenza ċitata)). Għandu jingħad li permezz ta' din id-dikjarazzjoni tiegħu l-imputat aċċetta li kważi l-firem kollha (firem tal-isem Raymond Cortis) fid-dokumenti esebiti kien għamilhom hu ħlief għal xi ftit li indika fl-istess dikjarazzjoni."

*Fl-istess sentenza ġie meqjus li:*

"Illi a skans ta' ekwivoċi għandu jiġi rilevat li l-ammissjoni tal-imputat, sia fl-istqarrija u sia fid-dikjarazzjoni minnu magħmula fil-mori tal-proċeduri, ma kinux determinanti għall-konklużjoni li huwa kien jippresta ruħhu bħala Raymond Cortis u ffirma dawk id-dokumenti kollha bl-isem ta' Raymond Cortis, għaliex ix-xhieda mressqa mill-prosekuzzjoni, partikolarment id-diriġenti u l-impjegati ta' Michael Debono Limited u Rohan Motors Limited, però mhux biss, ma ħallew l-ebda dubbju li huma kienu qed jittrattaw mal-imputat, li għarfu fl-awla, bħala persuna li kienet tippreżenta ruħha bħala Raymond Cortis, għamlet negozju magħhom bħala Raymond Cortis u ffirmat id-dokumenti kollha msemmija fil-kors ta' dawn il-proċeduri bl-isem Raymond Cortis.'

*Għalhekk huwa ċar li r-rikorrent ma sofra l-ebda preġudizzju, tant li l-Onorabbli Qorti stess ikkunsidrat li l-istqarrijiet ma kinux determinanti u s-sejbien ta' ħtija kienet ibbażata fuq provi oħra. Tant kemm ir-rikorrent ma ħassux preġudikat minn dik is-sentenza, li huwa ressaq biss żewġ aggravji mis-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tal-11 ta' Settembru, 2013. Aggravju dwar in-nuqqas tal-Ewwel Qorti milli tapplika d-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 17(h) tal-Kodiċi Kriminali meta ġiet biex tikkalibra l-piena u aggravju dwar il-preskrizzjoni tal-azzjoni kriminali fir-rigward tal-akkużi marbuta mar-reat tal-frodi lilu addebitati. L-Onorabbli Qorti tal-Appell Kriminali (fn. 3 Appell*

*386/2013) fis-sentenza li r-rikorrent f'dawn il-proċeduri qiegħed jitlob li tiġi mħassra, revokata u kkanċellata lanqas ma għamlet referenza għall-istqarrijiet rilaxxati mir-rikorrenti. Dan kollu juri biċ-ċar li mhuwiex minnu li r-rikorrent verament jemmen li l-fatt li ma kkomunikax ma' Avukat qabel l-istqarrija u matul it-teħid tal-istqarrija u l-investigazzjoni jilledilu d-drittijiet fundamentali tiegħu iżda qiegħed juża l-proċeduri kostituzzjonali bħala attentat sabiex jaħrab il-konsegwenzi ta' għemilu.*

7. *Illi bla ħsara għas-suespost, sabiex jiġi garantit id-dritt għal smigħ xieraq, is-smigħ għandu jsir fi żmien raġonevoli, u jinstema' minn Qorti indipendenti u imparzjali mwaqqfa b'liġi. L-Artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropea dwar il-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u Libertajiet Fondamentali jipprovdi wkoll li s-smigħ għandu jkun pubbliku u għandu jkun quddiem tribunal indipendenti u imparzjali mwaqqaf b'liġi. Għaldaqstant, jeżistu salvagwardji biżżejjed fid-dritt proċedurali nostrali sabiex jovvjaw għal kull periklu ta' leżjoni ta' smigħ xieraq, liema salvagwardji jiggarantixxu proċess xieraq u smigħ ġust. Fil-każ odjern, il-proċeduri kriminali inżammu minn Qorti indipendenti u imparzjali, ir-rikorrent għandu aċċess għall-Qorti, is-smigħ sar fil-preżenza tar-rikorrent, kien debitament assistit, il-partijiet ġew trattati b'mod ugwali mingħajr ebda vantaġġ proċedurali minn xi persuna fuq oħra, ir-rikorrent ingħata l-opportunità kollha biex jiddefendi l-każ tiegħu mingħajr xkiel u r-rikorrent ingħata ż-żmien u l-faċilitajiet xierqa għall-preparazzjoni tal-każ tiegħu. Għaldaqstant ma hemmx ksur tad-dritt għal smigħ xieraq a tenur tal-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar il-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u Libertajiet Fondamentali;*

8. *Illi bla ħsara għas-suespost, in kwantu l-ilment dwar l-addebitu tar-reċidiva, l-esponent iwieġeb li l-prinċipju tan-*ne bis in idem *ma huwiex applikabbli. L-argument tar-rikorrent li wieħed ma jistax jiġi misjub ħati tar-reċidiva iktar minn darba, dment li din hija bbażata fuq l-istess sentenzi u mhux sentenzi ġodda li ma kinux ikkonsidrati qabel ai fini ta' reċidività ma jreġġix. Kif meqjus fis-sentenza fl-ismijiet* ***'Il-Pulizija vs Stephen Zahra'*** *(fn. 4 Deċiża fis-26 ta' Mejju, 1998): "*L-effetti tar-reċidiva mhuwiex li l-istess persuna qed tiġi punita darbtejn fuq xi reat anteċedenti li fuqu tkun ġia' ġiet mogħtija piena, iżda li fil-fatt dik l-istess persuna qed tiġi punita għal fatt ġdid b'mod aktar sever u differenti minn persuna li tkun qed tiġi punita għall-istess fatt iżda għall-ewwel darba u bla preċedenti.

   Ir-reċediva fil-fatt hija ċirkostanza merament personali, u ma għandha ebda referenza għall-kontenut objettiv la tar-reat preċedenti u lanqas tar-reat attwali, billi l-awment fil-piena bħala effett tar-reċediva mhux inflitt għall-ewwel reat, li l-piena tiegħu ġa' ġiet espijata jew kundannata. Lanqas dan l-awment mhu inflitt għar-reat attwali li baqa' l-istess fil-kontenut materjali tiegħu. L-awment fil-piena

għandu rapport biss mal-personalità tal-ħati u jsib ir-raġuni tiegħu fil-persistenza tal-ħati fid-delinkwenza."

9. *Illi għalhekk, l-iskop tal-addebitu tar-reċediva, huwa deterrent sabiex persuna li instabet ħatja ma terġax tikkommetti reat. Filwaqt li huwa minnu li l-addebitu tar-reċediva trid tiġi pruvata u dan a tenur tal-Artikolu 49(2) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, ir-reċedività hija ċirkostanza li twassal għal piena biex tiġi miżjuda bi grad. Għalhekk l-Artikolu 527 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta u l-Artikolu 39(9) tal-Kostituzzjoni ta' Malta ma humiex applikabbli meta si tratta tal-addebitu tar-reċediva. Għaldaqstant, ma huwiex il-każ li wieħed ma jistax jinstab ħati tal-addebitu tar-reċediva iktar minn darba u li ma jistgħux jiġu kkunsidrati l-istess sentenzi ai fini ta' reċedività. Għaldaqstant, il-prinċipju tan-*ne bis in idem *ma huwiex applikabbli;*

10. *Illi bla ħsara għas-suespost, tant kemm ir-rikorrent ma ħassux preġudikat bil-fatt li nstab ħati tal-addebitu tar-reċediva fis-sentenzi li qiegħed jilmenta dwarhom, li jirriżulta li r-rikorrent fl-appell fl-ismijiet 'Il-Pulizija vs Glen Debattista' (fn. 5 Deċiż fit-30 ta' Marzu, 2022) bin-numru 1/2017 ma kienx ressaq aggravju dwar il-ħtija iżda biss dwar il-piena. L-istess jingħad dwar il-proċeduri mertu tal-appell bin-numru 518/2015 (fn. 6 deċiż fit-30 ta' Marzu, 2022) u l-appell bin-numru 330/2014 (fn. 7 deċiż fit-30 ta' Marzu, 2022) fejn l-akkużat kien ammetta l-ħtija u ressaq aggravju biss dwar il-piena.*

11. *Illi bla ħsara għas-suespost, in kwantu t-talba sabiex din l-Onorabbli Qorti tirriforma l-pieni inflitti fis-sentenzi li dwarhom qiegħed jilmenta r-rikorrent, u ċioe sabiex ikun hemm tnaqqis fil-piena jew li l-atti jiġu rimandati lura lill-Ewwel Qorti biex tirriforma l-piena inflitta, l-esponent iwieġeb li f'kull każ, dawn it-talbiet ma jistgħux jiġu milqugħa u dan peress li dak li qiegħed jittenta li jagħmel ir-rikorrent huwa appell tat-tielet grad u ċioe appell mis-sentenzi tal-Qorti tal-Appell Kriminali u għalhekk tali talbiet huma improponibbli, stante li ma humiex sanċiti fil-liġi.*

12. *Illi stante li ma hemmx leżjoni tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrent, isegwi li t-talbiet kollha tar-rikorrent għandhom jiġu miċħuda fl-intier tagħhom.*

13. *Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.*

*Bl-ispejjeż kontra r-rikorrent."*

Rat l-atti kollha tal-kawża.

Rat id-dokumenti li ġew esebiti in atti.

Rat li waqt l-udjenza tal-15 ta' Settembru, 2023, xehdet l-Assistent Reġistratur Qrati u Tribunali Kriminali **Stephania Calafato Testa**, li ppreżentat *pen drive* bil-proċess tal-appell 386/2013 deċiż fit-30 ta' Marzu, 2022; kopja tal-appell 330/2014 ukoll deċiż fit-30 ta' Marzu, 2022; kopja tal-appell 518/2015 deċiż fit-30 ta' Marzu, 2022, u l-appell 1/2017 deċiż fit-30 ta' Marzu, 2022, ilkoll fl-ismijiet 'Pulizija vs Glen Debattista'.[1]

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet ippreżentata mill-intimati.

**Il-kwistjoni bejn il-partijiet**

3. Fir-rikors tiegħu, ir-rikorrent spjega li fit-30 ta' Marzu, 2022, il-Qorti tal-Appell Kriminali tat erba' sentenzi fil-konfront tiegħu. Fl-appell 386/2013, il-Qorti tal-Appell Kriminali kkonfermat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, u kkundannat lir-rikorrent għal żmien ħames snin priġunerija. Ir-rikorrent qal li meta huwa rrilaxxa l-istqarrija li permezz tagħha ammetta l-akkużi miġjuba kontra tiegħu, huwa ma kienx assistit minn avukat tal-fiduċja tiegħu. Qal ukoll li minkejja li f'dawk il-proċeduri huwa ma kienx akkużat bir-reċediva, il-Qorti tal-Appell Kriminali ikkummentat li huwa "frodist reċediv plurimu". Ir-rikorrent żied jgħid li fl-appell numru 330/2014 deċiż ukoll fit-30 ta' Marzu, 2022, huwa nstab ħati ta' serq u li kkawża ħsara volontarja fuq proprjetà, liema reati kienu kommessi fis-sena 2011. Hawnhekk il-Qorti ntalbet tikkonsidra li r-rikorrent huwa reċediv. Qal li huwa kien ammetta għal dawn l-akkużi, instab ħati tal-akkużi kollha miġjuba kontra tiegħu, u ngħata piena ta' sitt snin priġunerija. Ir-rikorrent qal li fl-appell numru 518/2015 deċiż ukoll fit-30 ta' Marzu, 2022, huwa reġa' nstab ħati tar-reċediva, u ġie kkundannat tliet snin priġunerija. Fl-appell 1/2017 deċiż ukoll fit-30 ta'

[1] *Pen-drive* inserita fil-proċess u mehmuża ma' *fol.* 21.

Marzu, 2022, huwa nstab ħati b'serq aggravat u bir-reċediva *ai termini* tal-artikoli 49, 50 u 289 tal-Kodiċi Kriminali, u ngħata piena ta' priġunerija ta' tliet xhur. Ir-rikorrent qal li f'dawn il-proċeduri kollha ġiet esebita l-fedina penali tiegħu, għajr fil-proċeduri 1/2017, fejn ġew esebiti tliet sentenzi li ngħataw fil-konfront tiegħu. Qal ukoll li dan ifisser li huwa nstab ħati tar-reċediva diversi drabi, minkejja li r-reċediva hija akkuża separata, u għalhekk din l-akkuża fil-konfront tiegħu saret bi ksur tar-regola ta' *ne bis in idem.* Ir-rikorrent jikkontendi li wieħed ma jistax jinstab ħati aktar minn darba diment li d-deċiżjoni tkun ibbażata fuq l-istess sentenza u mhux fuq sentenzi ġodda li ma kinux ikkunsidrati qabel għall-fini tar-reċedività.

4. Permezz tat-talbiet tiegħu lil din il-Qorti, ir-rikorrent qiegħed jitlob li jiġi dikjarat li l-fatt li fl-investigazzjonijiet li wasslu għall-appell bir-referenza 386/2013 huwa ma kienx assistit minn avukat tal-fiduċja tiegħu, u konsegwentement irrilaxxa stqarrija fejn ammetta l-involviment tiegħu, jilledi d-dritt fundamentali tiegħu għal smigħ xieraq, u dan bi ksur tal-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta [hawnhekk 'il-Kostituzzjoni'] u tal-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u Libertajiet Fundamentali [hawnhekk 'il-Konvenzjoni Ewropea']. Ir-rikorrent għalhekk talab lil din il-Qorti tagħti dawk l-ordnijiet, atti u direttivi li tqis xierqa sabiex tiżgura l-ħarsien tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrent, inkluż billi tħassar, tirrevoka u tikkanċella s-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali tat-30 ta' Marzu, 2022, u tordna l-isfilz tal-istqarrija tiegħu mill-proċess, filwaqt li tirrakkomanda li l-każ jinstema' mill-ġdid.

5. Ir-rikorrent talab lil din il-Qorti tiddikjara wkoll li hemm ksur tad-dritt tiegħu għal smigħ xieraq għaliex huwa nstab ħati aktar minn darba li huwa reċediv, u għalhekk talab lil din il-Qorti tagħti dawk l-ordnijiet, toħroġ dawk l-

atti u tagħti dawk id-direttivi li tqis xierqa, inkluż billi tirriforma l-pieni inflitti fuqu, fis-sens li tnaqqas il-piena abbinata mar-reċediva, jew billi tirrimanda l-atti lura lill-Ewwel Qorti.

6. Min-naħa tagħhom l-intimati eċċepew li l-Avukat Ġenerali mhijiex il-leġittima kontradittriċi f'dawn il-proċeduri. Preliminarjament eċċepew ukoll li r-rikorrent naqas milli jagħmel użu mir-rimedji ordinarji li kellu għad-dispożizzjoni tiegħu, u li l-allegazzjonijiet, il-pretensjonijiet u t-talbiet li qiegħed iressaq f'dan l-istadju huma infondati fil-fatt u fid-dritt. L-intimati eċċepew li l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea u l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni jipprovdu għad-dritt għal smigħ xieraq u mhux għad-dritt li persuna tkun assistita minn avukat. Qalu li l-istqarrija rilaxxata mir-rikorrent ma tistax titqies f'iżolament, u li wieħed irid jikkonsidra l-kumplament tal-evidenza u l-proċeduri fit-totalità tagħhom, qabel jikkonsidra jekk kienx hemm leżjoni tad-dritt għal smigħ xieraq jew le. L-intimati eċċepew li fil-proċeduri kontra r-rikorrent kien hemm xhieda li għarfuh bħala l-persuna li nnegozjaw miegħu, u li għalhekk l-istqarrijiet rilaxxati mir-rikorrent ma kinux determinanti għas-sejbien ta' ħtija tiegħu, għaliex kien hemm provi oħra kontra r-rikorrent li wasslu lill-Qorti għall-konvinċiment li hemm ħtija f'dan il-każ. L-intimati qalu li smigħ xieraq ifisser li persuna tingħata smigħ fi żmien raġonevoli, minn Qorti indipendenti u imparzjali mwaqqfa bil-liġi. L-intimati qalu li fil-każ odjern il-proċeduri saru quddiem Qorti indipendenti u imparzjali, liema smigħ sar fil-preżenza tar-rikorrent li kien debitament assistit, u li kellu kull opportunità jiddefendi l-każ kontra tiegħu. L-intimati saħqu wkoll li l-prinċipju tan-*ne bis in idem* ma japplikax fil-każ odjern, u r-reċediva għandha sservi bħala deterrent biex persuna ma terġax tikkommetti reat. Qalu wkoll li r-rikorrent ma ħassux ippreġudikat bil-proċeduri li saru kontra tiegħu, tant hu hekk li fl-appell 1/2017

ma ressaq l-ebda aggravju dwar il-ħtija imma dwar il-piena. Fl-appelli 518/2013 u 330/2014, ir-rikorrent kien ammetta l-akkużi miġjuba kontra tiegħu, u l-aggravju sollevat minnu kien dwar il-piena. L-intimati jsostnu li b'dawn il-proċeduri kostituzzjonali, ir-rikorrent qiegħed jittenta jressaq appell mill-ġdid dwar kwistjonijiet li diġà ngħalqu.

**Provi u Riżultanzi**

7. F'dawn il-proċeduri, xehdet l-Assistant Reġistratur fil-Qrati Kriminali u Tribunali **Stefania Calafato Testa**, li ppreżentat *pen drive* b'kopja diġitali tal-proċessi kollha tal-erba' appelli li kien involut fihom ir-rikorrent quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali.

**Konsiderazzjonijiet legali**

8. Il-Qorti sejra qabel xejn tgħaddi sabiex tikkonsidra l-eċċezzjonijiet preliminari sollevati mill-intimati qabel tqis il-lanjanzi mressqa mir-rikorrent fil-mertu. Fl-ewwel lok, l-intimati jgħidu li l-Avukat Ġenerali mhijiex leġittima kontradittriċi f'dawn il-proċeduri. Il-Qorti tqis li l-ilment tar-rikorrent li huwa ma ngħatax smigħ xieraq bi ksur tal-jeddijiet fundamentali tiegħu kif protetti bil-Kostituzzjoni ta' Malta u bil-Konvenzjoni Ewropea, huwa bbażat fuq il-fatt li fil-proċeduri 386/13 huwa ma kienx assistit minn avukat ta' fiduċja tiegħu qabel irrilaxxa l-istqarrija li permezz tagħha huwa ammetta l-involviment tiegħu fir-reati li ġie mixli bihom, u li minkejja li huwa ma kienx akkużat bir-reċediva, il-Qorti tal-Appell Kriminali xorta waħda kkummentat li huwa *'frodist reċediv plurimu'*. Ir-rikorrent qiegħed jilmenta wkoll mill-fatt li huwa nstab ħati li huwa reċediv aktar minn darba, u għalhekk hemm ksur tal-prinċipju tan-*ne bis in idem*

fil-konfront tiegħu, u fil-fehma tiegħu dan l-istat ta' fatt wassal għal darba oħra għal ksur tal-jedd fundamentali tiegħu għal smigħ xieraq. L-Avukat Ġenerali ġiet inkluża bħala intimata fil-proċeduri odjerni x'aktarx minħabba r-rwol u r-responsabbilità li hija għandha sabiex tirrappreżenta lill-Istat fi proċeduri kriminali fil-konfront ta' individwi akkużati b'reat. Minkejja dan, il-preżenza tal-Avukat tal-Istat in rappreżentanza tal-Gvern ta' Malta fi proċeduri fejn jiġu mressqa lanjanzi dwar ksur tad-drittijiet fundamentali ta' individwi, hija suffiċjenti in vista ta' dak li jipprovdi l-artikolu 181B (2) tal-Kap.12 tal-Liġijiet ta' Malta, li jgħid illi:

> "(2) L-Avukat tal-Istat jirrappreżenta lill-Gvern f'dawk l-atti u l-azzjonijiet ġudizzjarji li minħabba n-natura tat-talba ma jistgħux jiġu diretti kontra xi wieħed jew aktar mill-kapijiet tad-dipartimenti l-oħra tal-Gvern."

Għaldaqstant il-Qorti tqis illi l-preżenza tal-Avukat tal-Istat f'dawn il-proċeduri hija suffiċjenti, filwaqt li l-Avukat Ġenerali għandha tiġi liberata mill-osservanza tal-ġudizzju.

9. L-intimati jeċċepixxu wkoll li r-rikorrent kellu rimedji ordinarji għad-dispożizzjoni tiegħu, u ladarba huwa naqas milli jagħmel użu minn tali rimedji anki fl-appell imressaq minnu, din il-Qorti għandha tiddeklina milli tistħarreġ l-ilmenti tar-rikorrent ulterjorment. L-intimati jgħidu li r-rikorrent naqas milli jissolleva fl-appelli tiegħu l-lanjanzi li qiegħed iqajjem f'din l-istanza, imkien ma ressaq aggravju dwar il-fatt li ma kienx assistit qabel irrilaxxa l-istqarrija tiegħu, u l-appelli tiegħu huma msejsa fuq il-piena inflitta fuqu u mhux fuq is-sejbien ta' ħtija tiegħu. L-intimati jikkontendu li r-rikorrent għalhekk qiegħed juża dawn il-proċeduri bħala tentattiv ieħor biex jikkontesta s-sentenzi li ngħataw mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-konfront tiegħu, liema sentenzi għaddew in ġudikat. Il-Qorti tqis li f'dan l-istadju r-rikorrent resaq quddiem din il-Qorti

sabiex jitlob li jiġi ddikjarat li ma ngħatax smigħ xieraq waqt il-proċess li sar quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali, minħabba f'kumment li għaddiet din il-Qorti fl-għoti tas-sentenza tagħha meta ma kien hemm l-ebda talba konnessa mar-reċedività tar-rikorrent quddiemha, kif ukoll għaliex huwa nstab ħati li huwa reċediv aktar minn darba. Dawn ix-xorta ta' lanjanzi ma setgħux jitressqu quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali, iżda quddiem qorti b'ġurisdizzjoni kostituzzjonali, għaliex f'dan l-istadju r-rikorrent qiegħed jattakka l-liġi jew il-proċedura kif kienet fiż-żmien rilevanti, u għalhekk bilfors li kellu jadixxi lil din il-Qorti sabiex tisma' l-lanjanza tiegħu. L-interess tar-rikorrent f'dan l-istadju huwa li l-jeddijiet fundamentali tiegħu jiġu mħarsa. Id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 4 tal-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropea u d-dispożizzjonijiet tal-artikolu 46 tal-Kostituzzjoni, li jagħtu lil din il-Qorti ġurisdizzjoni oriġinali biex tisma' ilmenti dwar allegat ksur tad-drittijiet fundamentali kif sanċiti permezz ta' dak l-Att u anki permezz tal-artikoli 33 sa 45 (magħdudin) tal-Kostituzzjoni, huma ċari u ma jagħtu ebda ġurisdizzjoni residwa jew xort'oħra lil xi qorti jew tribunal ieħor sabiex jiġu ttrattati ilmenti dwar ksur tad-drittijiet fundamentali tal-bniedem. Għaldaqstant din l-eċċezzjoni għanda tiġi miċħuda, u l-Qorti sejra tipproċedi bil-konsiderazzjonijiet tagħha dwar il-lanjanzi tar-rikorrent fil-mertu.

10. L-intimati jeċċepixxu wkoll li t-talbiet tar-rikorrent huma infondati fil-fatt u fid-dritt u għandhom jiġu miċħuda, għaliex la l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea u lanqas l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta ma jipprovdu għad-dritt li persuna tkun assistita minn avukat fl-istadju li fih tkun qiegħda tiġi investigata. Il-Qorti diġà kellha l-opportunità li tirrileva f'sentenzi oħra li l-valutazzjoni li trid issir sabiex jiġi stabbilit jekk persuna ngħatatx smigħ xieraq, tinvolvi eżami tat-totalità tal-proċeduri li tmexxew, u mhux mument jew istanza partikolari minnhom. Fil-ġurisprudenza tal-Qrati tagħna ġieli kien hemm istanzi

fejn anki nstabet irregolarità fil-proċeduri, u ġie deċiż li ma kienx hemm ksur tad-dritt għal smigħ xieraq. Għalhekk huwa ferm aktar diffiċli li jkun hemm sejbien ta' leżjoni ta' drittijiet fundamentali fejn il-proċedura quddiem il-Qrati titmexxa bil-mod preskritt fil-liġi. Hawnhekk il-Qorti tagħmel riferiment għal dak deċiż fis-sentenza fl-ismijiet **Scicluna Gregorio sive Godwin *vs.* Avukat Ġenerali et**[2], fejn ingħad illi:

> *"Biex jiġi determinat jekk hemmx vjolazzjoni tad-dritt għal smigħ xieraq, il-valutazzjoni jew l-apprezzament m'għandux isir fuq xi inċident jew fattur iżolat f'dawk il-proċeduri iżda invece għandu jsir fil-konfront tal-proċess kollu, fl-assjem tiegħu."*

11. Fil-każ odjern jirriżulta li fil-proċeduri 386/2013, il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, spjegat li kienet waslet għall-konvinċiment li r-rikorrent kien ħati tal-akkużi miġjuba kontra tiegħu mhux biss minħabba l-ammissjoni tiegħu, iżda anki minħabba li kienu nħatru esperti kalligrafi li stabbilixxew b'mod indipendenti li kien hemm falsifikazzjoni tal-firem għad-dannu ta' ċertu Raymond Cortis, kien hemm xhieda indipendenti li għarfu lir-rikorrent fl-awla u li kkonfermaw li dan kien il-persuna li huma għamlu negozju miegħu, u kien hemm fatturi indipendenti mill-ammissjoni tar-rikorrent li wasslu lill-Qorti għall-konvinċiment li r-rikorrent kien ħati. Il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali kellha dan xi tgħid fis-sentenza tagħha dwar l-ammissjoni tar-rikorrent:

> *"Illi però l-imputat fil-kors ta' dawn il-proċeduri ammetta li l-firem li jidhru fid-dokumenti kollha esebiti huma tiegħu; dan huwa għamlu mhux biss wara li kellu l-opportunità li jikkonsulta mal-avukat tiegħu imma addirittura fil-preżenza tal-istess konsulent legali tiegħu, wara li l-proċeduri legali kienu diġà avvjati sew. (fn. 2 ara verbal a fol. 159). Għandu jingħad li permezz ta' din id-dikjarazzjoni tiegħu l-imputat aċċetta li kważi l-firem kollha (firem tal-isem Raymond Cortis) fid-dokumenti esebiti kien għamilhom hu ħlief għal xi ftit li indika fl-istess dikjarazzjoni."*

[2] Q. Kost. 15.10.2003.

12. Il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, wara li ħadet konjizzjoni tal-fedina penali tar-rikorrent fl-għoti tal-piena inflitta minnha, ikkummentat li din il-fedina penali hija waħda *"allarmanti"*. Il-Qorti tal-Appell Kriminali li kellha quddiemha l-atti kollha tal-proċeduri kriminali, fis-sentenza tagħha kkummentat dwar il-fatt li r-rikorrent huwa *"frodist reċediv plurimu",* minkejja li ma kellha l-ebda talba biex tagħmel dikjarazzjoni dwar ir-reċediva tar-rikorrent.

13. Hawnhekk il-Qorti tagħmel riferiment għal dak deċiż fis-sentenza fl-ismijiet **Charles Steven Muscat vs. Avukat Ġenerali**[3], fejn ingħad illi:

> *"14. Din il-Qorti ttenni illi l-jedd li jagħtu l-Kostituzzjoni u l-Konvenzjoni huwa dak għal smigħ xieraq: ma hemm ebda jedd li kull min hu akkużat b'reat kriminali jiġi liberat minn dik l-akkuża, jew li, minħabba xi irregolarità, tkun xi tkun, min fuq il-fatti jinstab ħati għandu jitħalla jaħrab mill-konsegwenzi ta' għemilu. Il-jedd għal smigħ xieraq jingħata kemm biex, wara proċess fi żmien raġonevoli u bil-garanziji xierqa, min ma huwiex ħati ma jeħilx bi ħtija, u biex jingħata l-mezzi kollha meħtieġa għalhekk, u biex min hu tassew ħati ma jaħrabx il-konsegwenzi tal-ħtija tiegħu. Il-jedd għal smigħ xieraq ma jingħatax biex min hu tassew ħati jasal biex, b'xi mod jew ieħor, ma jweġibx tal-ħtija tiegħu. Jekk il-jedd għal smigħ xieraq, kif interpretat u applikat, iwassal għal hekk, mela hemm xi ħaġa ħażina ħafna fis-sistema tal-ħarsien tad-drittijiet."*

14. Fis-sentenza fl-ismijiet **Ibrahim u oħrajn v. Ir-Renju Unit**[4], ingħad illi:

> *"250. The right to a fair trial under Article 6 § 1 is an unqualified right. However, what constitutes a fair trial cannot be the subject of a single unvarying rule but must depend on the circumstances of the particular case (see* O'Halloran and Francis v. The United Kingdom [GC], nos 15809/02 and 25624/02, § 53, ECHR 2007-III). *The Court's primary concern under Article 6 § 1 is to evaluate the overall fairness of the criminal proceedings (see, among many other authorities,* Taxquet v. Belgium [GC], no.

[3] Q. Kost. 08.10.2012.
[4] Q.E.D.B. 13 ta' Settembru, 2016, rikorsi 50541/08, 50571/08, 50573/08 u 403,51/09] il-Qorti Ewropea fis-Sezzjonijiet Magħquda.

926/05, §84, ECHR 2010; and Schatschaschwili v. Germany [GC], no. 9154/10, § 101, ECHR 2015).

*251. Compliance with the requirements of a fair trial must be examined in each case having regard to the development of the proceedings as a whole and not on the basis of an isolated consideration of one particular aspect or one particular incident, although it cannot be excluded that a specific factor may be so decisive as to enable the fairness of the trial to be assessed at an earlier stage in the proceedings …*

*…*

*262. The Court accordingly reiterates that in assessing whether there has been a breach of the right to a fair trial it is necessary to view the proceedings as a whole, and the Article 6 § 3 rights as specific aspects of the overall right to a fair trial rather than ends in themselves. The absence of compelling reasons does not, therefore, lead in itself to a finding of a violation of Article 6 of the Convention."*

15. Fil-każ odjern jirriżulta li l-proċeduri kontra r-rikorrent saru quddiem Qorti indipendenti u imparzjali, u d-drittijiet tiegħu kollha ġew salvagwardjati, u kien rappreżentat minn avukat tal-għażla tiegħu tul il-proċess kollu, salv għall-mument li fih huwa rrilaxxa l-istqarrija bl-ammissjoni tiegħu. Jirriżulta wkoll li minkejja li r-rikorrent kellu opportunità jikkontesta l-istqarrija tiegħu tul il-proċeduri li saru quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, u quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali, huwa naqas milli jagħmel dan, kif ġustament jirrilevaw l-intimati. Fil-każ 386/2013 ir-rikorrent kien akkużat b'falsifikazzjoni u frodi għad-dannu ta' diversi persuni u kumpanniji, u l-ammonti involuti kienu ta' eluf kbar ta' Euro. Barra minn hekk hemm l-interessi tal-vittmi tar-reat x'jiġu mħarsa f'kull proċess kriminali, u għalhekk il-Qorti tqis li fil-każ odjern ma jistax jingħad li l-jedd tar-rikorrent għal smigħ xieraq inkiser għaliex huwa rrilaxxa stqarrija b'ammissjoni fi stadju meta ma kienx assistit minn avukat tal-fiduċja tiegħu, jew minħabba f'kumment li għaddiet il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali. Fil-fatt għandu jirriżulta li dan il-kumment il-Qorti għaddietu wara li ħadet konjizzjoni tal-fedina penali tar-rikorrent, u ċertament li ma jistax jingħad li l-

kumment li l-fedina penali hija waħda *"allarmanti"* ma kienx f'loku. Il-Qorti kkonsidrat ukoll dak li jirriżulta mill-atti li kellhom quddiemhom il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali u l-Qorti tal-Appell Kriminali, li wasslu lil din tal-aħħar tikkummenta li r-rikorrent huwa *"frodist reċidiv plurimu"*, u dan in vista tal-maċinazzjonijiet mħaddma minnu sabiex wasal biex jesegwixxi l-għemil kriminuż li kien akkużat bih. Il-Qorti tqis li ma kien hemm xejn f'dan kollu li jwassalha tikkonkludi li r-rikorrent ma ngħatax smigħ xieraq, jew li hemm lok fejn il-proċeduri li saru quddiem il-Qorti ta' Ġudikatura Kriminali jitħassru jew jinstemgħu mill-ġdid, u għalhekk it-talbiet tar-rikorrent f'dan ir-rigward mhumiex sejrin jintlaqgħu.

16. It-tieni lanjanza tar-rikorrent hija marbuta mal-fatt li fi tlieta mill-erba' sentenzi li ngħataw mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-konfront tiegħu fit-30 ta' Marzu, 2022, huwa nstab ħati li huwa reċediv. Ir-rikorrent sostna li r-reċediva hija akkuża *per se* li trid tiġi ppruvata indipendentement minn kull reat ieħor, u ladarba huwa nstab ħati li huwa reċediv f'aktar minn sentenza waħda, kellha tapplika r-regola tan-*ne bis in idem.* Qal li huwa ma kellux jinstab ħati għal aktar minn darba, u għalhekk anki permezz ta' dawn is-sentenzi mogħtija fil-konfront tiegħu, huwa sofra ksur tad-dritt tiegħu għal smigħ xieraq. Hawnhekk il-Qorti tirrileva li fl-appell fl-ismijiet 'Il-Pulizija vs. Glen Debattista' (518/2015), ir-rikorrent instab ħati ta' xejn anqas minn erbgħa u għoxrin imputazzjoni miġjuba kontra tiegħu, hekk kif instab ħati ta' sensiela ta' reati ta' frodi għad-dannu ta' diversi persuni. F'dan il-każ, ir-rikorrent ġie misjub ħati wkoll bl-addebitu tar-reċediva. Fil-proċeduri bir-referenza 1/2017 fl-istess ismijiet, ir-rikorrent instab ħati li kkommetta serq u ħsara volontarja għad-dannu ta' terzi, kif ukoll li huwa reċediv b'diversi sentenzi mogħtija mill-Qrati ta' Malta, liema sentenzi saru definittivi. F'dan il-każ, minkejja li l-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta'

Ġudikatura Kriminali kienet infliġġiet fuq ir-rikorrent terminu ta' priġunerija ta' tmien xhur, dan it-terminu tnaqqas għal perijodu ta' priġunerija ta' tliet xhur wara li ġie deċiż l-appell. Il-proċeduri bir-referenza 330/2014 kienu jittrattaw ir-reat ta' serq minn diversi bnadi għad-detriment ta' diversi persuni, kif ukoll it-twettiq ta' ħsara volontarja fil-proprjetà ta' terzi u r-reċediva, u għalhekk il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali kkundannat lir-rikorrent għall-piena ta' seba' snin priġunerija. Kull wieħed minn dawn l-appelli ġie deċiż fuq il-merti tiegħu, kif jirriżulta minn qari tas-sentenzi li ngħataw mill-Qorti tal-Appell Kriminali fit-30 ta' Marzu, 2022. Kull sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali ngħatat minn Qrati preseduti minn maġistrati differenti, u għalhekk id-deċiżjoni dwar ir-reċediva tar-rikorrent f'kull wieħed minn dawn l-appelli ngħatat indipendentement mill-appelli l-oħra li ġew deċiżi fl-istess ġurnata.

17. Hawnhekk il-Qorti tagħmel riferiment għal dak li qalet din il-Qorti kif diversament preseduta fis-sentenza "**Fl-atti ta' referenza tal-24 ta' Novembru, 2006, mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali (Maġistrat Dr. Audrey Demicoli LL.D) fl-atti tal-kawża fl-ismijiet 'Il-Pulizija (Spettur Joseph Cordina) *vs.* John Micallef"**[5], fejn ingħad illi:

> *"Illi l-artikolu 39(9) tal-Kostituzzjoni jipprovdi dwar id-dritt li l-ebda persuna li tkun għaddiet minn proċediment quddiem Qorti kompetenti dwar reat kriminali (sew jekk tkun inħelset mill-akkuża u sew jekk tkun instabet ħatja) ma tista' terġa' titressaq mixlija fi proċeduri oħrajn dwar dak ir-reat jew xi reat ieħor li għalih setgħet instabet ħatja fl-ewwel proċediment, għajr fuq ordni ta' Qorti ogħla mogħti matul il-kors ta' appell jew proċedura ta' reviżjoni tal-ewwel proċess. L-istess artikolu jrid ukoll li ħadd ma jitressaq mixli dwar reat kriminali li tiegħu dik il-persuna tkun diġà ngħatat maħfra. Tali prinċipju jsib ix-xhieda tiegħu ukoll fil-Kodiċi Kriminali, fil-każ fejn persuna mixlija tinħeles mill-akkużi mressqin kontriha (Art. 527 tal-Kap. 9).*

[5] 28.02.2007.

*Illi l-imsemmi sub-artikolu (9), jagħmel parti minn dak l-artikolu tal-Kostituzzjoni li jħares id-dritt għal smigħ xieraq għeluq żmien raġonevoli minn qorti indipendenti u imparzjali imwaqqfa b'liġi mogħti lil kull persuna akkużata b'reat;*

*Illi huwa wkoll stabbilit li l-prinċipju tan-*ne bis in idem *imħares fl-artikolu 39(9) tal-Kostituzzjoni jimplika li persuna li tkun għaddiet minn proċess dwar reat, m'għandha qatt terġa' tgħaddi minn proċess ieħor dwar tali reat jew reati oħra li setgħet tinstab ħatja dwarhom f'dak l-ewwel proċess (ara – Kollez. Vol. LXXXIII.i.213) ...*

*Illi jidher f'dan ir-rigward li għalkemm id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 39(9) jixxiebħu ma' dawk tal-artikolu 4 tar-Raba' Protokoll tal-Konvenzjoni f'dak li huwa l-qofol tal-prinċipju maħsub, bl-ebda mod ma jista' jsir tqabbil tagħhom fuq il-livell ta' applikazzjoni jew tifsir (ara – sentenza – Qorti Kostituzzjonali – 20 ta' Novembru, 2000 – Spiteri vs Avukat Ġenerali). Għalhekk, meta wieħed iqis il-prinċipju tan-*ne bis in idem *għall-finijiet ta' jeddijiet fondamentali tal-bniedem, wieħed irid iżomm sewwa quddiem għajnejh id-differenza bejn il-livell kostituzzjonali u dak konvenzjonali;*

*Illi, kif ingħad, dan is-sub-artikolu fil-Kostituzzjoni jagħti ħarsien usa' lill-persuna mixlija minn dak mogħti mill-artikolu 527 tal-Kodiċi Kriminali, sewwasew għaliex jgħolli għal dak li jirrigwarda l-piż tal-prova l-eċċezzjoni tan-*ne bis in idem *għal-livell ta' garanzija kostituzzjonali bil-konsegwenza li persuna li jkollha dan il-jedd mhedded jew attwalment miksur quddiem qorti kriminali għandha l-jedd tirrikorri għall-protezzjoni quddiem qorti ta' xejra kostituzzjonali. Iżda dak l-artikolu huwa marbut b'eċċezzjoni li ma tinsabx fid-dispożizzjoni korrispondenti tal-Konvenzjoni;*

*Illi għal dak li jirrigwarda l-aspett tal-prinċipju tan-*ne bis in idem *taħt il-Konvenzjoni, jieħu xejra xi ftit differenti minn dak li japplika taħt il-Kostituzzjoni. Il-Qorti diġà aċċennat għal dan aktar qabel, u l-istess ħaġa tennew il-Qrati tagħna wkoll f'xi każijiet li kienu jmissu din il-kwestjoni ...*

*Il-prinċipju tan-*ne bis in idem *(magħruf ukoll bħala r-*"rule against double jeopardy"*), li huwa meqjus bħala element ewlieni biex jiġi assikurat smigħ xieraq lil persuna u li jagħmel parti sħiħa mill-assjem ta' garanziji jobbliga lill-Istat li jiggarantixxi lil kull persuna mixlija b'reat li ma jinkisrulhiex il-jeddijiet mogħtijin lilha taħt dak id-dritt. Iżda, fl-istess waqt, wieħed m'għandux iħawwad il-jedd tan-*ne bis in idem *mal-jedd ta' smigħ xieraq daqs li kieku huma l-istess ħaġa.*

*Jidher li, għall-finijiet tal-Konvenzjoni, deċiżjoni titqies bħala ġudikat meta tkun irrevokabbli u meta ma jkun għad fadal l-ebda rimedju ieħor disponibbli għall-partijiet li jista' jibdel dik id-deċiżjoni (ara t-tifsira mogħtija fit-Tielet Skeda mehmuża mal-Att XIV tal-1987 li hija silta mir-Rapport Spjegattiv għas-Seba' Protokoll li hemm mal-Konvenzjoni, par. 22);*

*Illi l-prinċipju tan-*ne bis in idem *jimplika tabilfors li tkun teżisti sentenza jew deċiżjoni li tiswa (għalkemm mhux bilfors waħda li fiha l-akkużat ikun instab ħati) bħala ostakolu għal proċedura dwar l-istess reat warajha ...".*

18. Ir-rikorrent jikkontendi li ladarba huwa nstab ħati li kien reċediv darba u ngħata piena fi grad ogħla li tirrifletti dan l-istat ta' fatt, il-Qorti tal-Appell Kriminali ma kellhiex tiddeċiedi li huwa kien reċediv fiż-żewġ sentenzi l-oħra li tat fl-istess ġurnata, għaliex id-deċiżjoni dwar ir-reċedività kellha tingħata f'sentenza waħda biss fil-konfront tiegħu, u mhux ukoll fiż-żewġ sentenzi l-oħra.[6] Il-Qorti tirrileva li l-prinċipju tan-*ne bis in idem* mhuwiex sanċit taħt l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea fil-mod kif dan jipprovdi għall-ħarsien tal-jedd għal smigħ xieraq. Il-Qorti tirrileva wkoll li filwaqt li l-artikolu 527 tal-Kodiċi Kriminali jitkellem dwar "l-istess fatt", l-artikolu 39(9) tal-Kostituzzjoni ta' Malta jitkellem dwar "l-istess reat". L-artikolu 49(1) tal-Kodiċi Kriminali jipprovdi li persuna titqies li tkun reċediva meta, wara li tkun ikkundannata għal reat b'sentenza, tagħmel reat ieħor. Dan huwa proprju dak li għamel ir-rikorrent, li nstab ħati, f'għadd ta' okkażjonijiet differenti, b'reati diversi minn xulxin u li m'hemm l-ebda konnessjoni bejniethom. Il-grad ogħla fil-piena inflitta fuq ir-reċediv tirrifletti l-fatt li r-reċediva għandha sservi bħala deterrent biex persuna li tkun ġiet ikkundannata ta' reat darba, toqgħod attenta u ma tirrepetix l-istess żball jew żbalji oħra li jistgħu jwassluha biex terġa' xxellef dufrejha mal-ġustizzja. Fil-każ odjern jirriżulta li l-Qorti tal-Appell Kriminali straħet fuq diversi sentenzi li ngħataw fil-konfront tar-rikorrent sabiex sabet il-ħtija tal-addebitu tar-reċediva. Fl-appelli bir-referenza 518/2015 u 330/2014, ir-rikorrent irreġistra ammissjoni tal-akkużi kollha miġjuba kontra tiegħu, fosthom tar-reċediva. Fil-proċeduri bir-referenza 1/2017 ġew esebiti numru ta' sentenzi (minflok fedina penali) sabiex il-Qorti tal-Maġistrati sabet lir-rikorrent ħati tal-addebitu tar-reċediva.

[6] Fl-appell 386/13 il-Qorti tal-Appell Kriminali ma sabitx lir-rikorrent ħati li kien reċediv.

19. Tqis illi fis-sentenza fl-ismijiet **Francis Vella *vs.* Avukat Ġenerali**[7], ingħad illi:

> *"Illi huwa wkoll stabbilit li l-prinċipju ta'* ne bis in idem *imħares fl-artikolu 39(9) tal-Kostituzzjoni jimplika li persuna li tkun għaddiet minn proċess dwar reat, m'għandha qatt terġa' tgħaddi minn proċess ieħor dwar tali reat jew dwar reati oħra li setgħet tinstab ħatja dwarhom f'dak l-ewwel proċess. Dan il-prinċipju jidher li huwa l-verżjoni tad-dritt penali ta' dak il-prinċipju l-ieħor tar-*res judicata *li jikkostitwixxi eċċezzjoni perentorja tal-ġudizzju fil-qasam tal-proċedura ċivili.*
>
> *Illi meta wieħed jitkellem dwar l-eċċezzjoni tan-*ne bis in idem *fil-qasam tad-dritt penali taħt l-ordinament ġuridiku tagħna, wieħed iqis li jeħtieġ jintwera li l-persuna li tkun tqiegħdet taħt akkuża oħra trid tkun l-istess waħda li kienet tqiegħdet taħt l-ewwel proċedura u wkoll li tkun hekk tressqet dwar l-istess fatt.*
>
> Kif ingħad, "Bl-espressjoni 'l-istess fatt' wieħed għandu jifhem il-fatt fiżikament rigwardat, konsistenti għalhekk kemm fl-element materjali – att ta' kommissjoni jew ommissjoni – kif ukoll dak formali tiegħu. Mhux biżżejjed li l-fatt ikun jirrigwarda l-istess oġġett; hekk, per eżempju, min f'okkażjoni partikolari jagħmel ħsara volontarja fuq proprjetà ta' ħaddieħor u f'okkażjoni oħra jagħmel l-istess tip ta' ħsara fuq l-istess proprjetà ma jista' bl-ebda mod jeċċepixxi r-'res judicata'". *(fn. 13 App. Krim. Inf VDG 19.2.1999 fil-kawża fl-ismijiet Il-Pulizija vs Anthony Vella et (mhix pubblikata)) Madanakollu għall-finijiet ta' stħarriġ ta' ksur ta' jedd fundamentali – kif ingħad aktar qabel – tajjeb li wieħed iżomm quddiem għajnejh li, filwaqt li l-artikolu 527 tal-Kodiċi Kriminali jitkellem dwar "l-istess fatt"* (fn. 14 Ar*a App. Krim Inf. PV 12.12.2000 fil-kawża fl-ismijiet Il-Pulizija vs Domenic Abela (mhix pubblikata), l-artikolu 39(9) tal-Kostituzzjoni jitkellem dwar "(l-istess) reat".".*

20. Fil-każ odjern għandu jirriżulta li r-rikorrent instab ħati ta' diversi reati mhux konnessi li seħħew fi żminijiet differenti. Ma jistax jingħad li s-sejbien ta' reċediva fil-konfront ta' kull wieħed minn dawn ir-reati jilledi l-prinċipju tan-*ne bis in idem* bi ksur tal-jedd tiegħu għal smigħ xieraq kif protett taħt l-artikolu 39(9) tal-Kostituzzjoni ta' Malta. L-effetti tar-reċidiva mhuwiex li l-istess persuna qed tiġi punita darbtejn fuq xi reat anteċedenti li fuqu tkun ġià ġiet mogħtija piena, iżda li fil-fatt dik l-istess persuna qed tiġi punita għal fatt ġdid

[7] P.A.(Ġur. Kost.), 29.09.2009.

b'mod aktar sever u differenti minn persuna li tkun qed tiġi punita għall-istess fatt iżda għall-ewwel darba u bla preċedenti.[8] Għalhekk l-artikolu 527 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta u l-artikolu 39(9) tal-Kostituzzjoni ta' Malta ma humiex applikabbli fir-rigward tar-reċediva. In vista ta' dawn il-konsiderazzjonijiet, it-talbiet tar-rikorrent qegħdin jiġu miċħuda fl-intier tagħhom stante li l-ebda waħda mit-talbiet tiegħu ma tirriżulta ppruvata.

## Decide

**Għaldaqstant għar-raġunijiet premessi l-Qorti taqta' u tiddeċiedi din il-kawża billi:**

1) **Tilqa' l-ewwel eċċezzjoni tal-intimati;**
2) **Tiċħad it-tieni eċċezzjoni tal-intimati;**
3) **Tilqa' l-kumplament tal-eċċezzjonijiet tal-intimati, filwaqt li tiċħad it-talbiet tar-rikorrent fl-intier tagħhom.**

**Il-Qorti tordna li l-ispejjeż tal-kawża għandhom jitħallsu mir-rikorrent.**

Moqrija.

**Onor. Dr Lawrence Mintoff LL.D.**
**Imħallef**

**Rosemarie Calleja**
**Deputat Reġistratur**

[8] **Il-Pulizija *vs.* Steven Zahra**, App. Krim. 26.05.1998.